**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 2 ta' Gunju 2016

Rikors Guramentat numru : 222/2013 AL

**A B (KI 308992 M) li qed tidher ukoll in rapprezentanza ta' binha l-minuri K B**

**vs**

**C D u Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-attrici kellha relazzjoni mal-intimat C D li kienet damet ghal zmien sena u nofs (1 ½);
2. Illi minn relazzjoni li l-attrici kellha mal-intimat D, twieldet tarbija, il-minuri K B, li twieled fit-22 ta' Marzu 2011;
3. Illi ghalkemm il-minuri msemmi huwa l-wild naturali tal-intimat C D fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija tarbija gie rregistrat bhala 'unknown father';
4. Illi ghalhekk jehtieg li jsiru l-emendi necessarji fic-certifikat

tat-twelid tal-minuri K B, li ghandu numru ta' iskrizzjoni 1197/2011;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li l-minuri K B huwa l-wild naturali tal-intimat C D;
2. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tal-minuri imsemmi li huwa iskritt bin-numru 1197/2011 fil-kolonna fejn hemm indikat "missier it-tarbija" u li fil-present jindika "Unknown Father" jigu inseriti il-konnotati tal-konvenut intimat, u cioe isem u kunjom l-intimat C D, il-professjoni jew sengha tieghu, l-eta', post tat-twelid u residenza tal-imsemmi intimat kif ukoll isem u kunjom il-missier l-imsemmi intimat, u jekk huwiex haj jew mejjet u jekk ikun opportun f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Bl-ispejjez kontra l-intimati ngunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi bla preġudizzju għas-suespost qed jiġi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri K B, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali, għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqgħu' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jinvita lill-intimat C D sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) id-dokument tal-Identità, (2) l-età tiegħu meta twieled il-minuri K B, (3) il-post tat-twelid tiegħu, (4)

il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (5) isem u kunjom ta' missieru u (6) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled K B. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid ta` K B bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 1197 tas-sena 2011;

3. Illi bla ħsara għal premess, l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandhu jassumi l-minuri K B a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C D, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi skont l-Nss DNA Paternity Test Report, liema dokument qieghed jigi hawn Nss u mmarkat bhala 'Dok KG1' juri illi l-minuri K B huwa l-wild naturali tal-eccipjenti u ghaldaqstant m'huwiex qieghed jikkontesta t-talba attrici;
2. Illi l-intimat ma jsib l-ebda oggezzjoni sabiex issir il-korrezzjoni tac-Certifikat tat-Twelid tal-Minuri K B (Att Numru 1197 ta' l-2011) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri K B, tissostitwixxi l-'Unknown Father' bl-isem 'C D' u sabiex jigu inseriti s-segwenti konnotati ta' l-intimat :

   l-isem u kunjom l-intimat : **C D,**

| | |
|---|---|
| is-sengha tieghu : | **meat packer,** |
| l-eta' : | **tmintax-il sena (18),** |
| il-post tat-twelid ta' l-intimat : | **Pieta',** |
| residenza tieghu : | **Pieta',** |
| isem u kunjom il-missier ta' l-intimat : | **J D,** |
| hux haj jew mejjet : | **haj,** |
| isem u kunjom omm ta' l-intimat : | **N D nee' Z** |

3. Illi huwa ma ghandux jbaghti l-ispejjez stante li huwa dejjem ried li jitnizzel fuq ic-certifikat tat-twelid hekk kif appena sar jaf li huwa missier il-minuri K u li dan in-nuqqas ma huwiex imputabbli lilu kif ser jirrizulta waqt l-andament tal-kawza;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut C D;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex ic-certifikat tal-minorenni K B imwieled fit-22 ta' Marzu 2011 jigi emendat fis-sens li missier l-istess minorenni ma jiqbax jidher bhala "missier mhux maghruf" izda jibda jidher bhala l-wild naturali tal-konvenut C D. Il-konvenuti C D fir-risposta guramentata tieghu qal li huwa mhux qed jikkontesta t-talba attrici izda pprotesta ruhu dwar l-ispejjez.

**<u>Il-mertu tal-kaz</u>**

Illi l-Qorti tirrileva li l-attrici welldet tifel bl-isem ta' K B fit-22 ta' Marzu 2011 li gie registrat bic-certifikat numru 1197/2011 u li

missieru huwa indikata bhala "mhux maghruf"[1]. Illi skond test tal-paternita', gie dikjarat li l-konvenut C D huwa missier il-minuri K B[2]. Ir-rapport gie sussegwentement mahluf bil-gurament minn Dr. Marisa Cassar.[3] Illi l-attrici tixhed[4] li kellha relazzjoni mal-konvenut C D u kellha tarbija minnu.

**Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni, din tittratta l-mertu tal-kaz odjern, u din il-Qorti tirrileva li l-attrici irnexxielha tipprova t-talbiet taghha u dan stante li huma ippruvati mit-test tad-DNA esebit in atti, li juri li verament il-minuri K B huwa l-wild naturali tal-konvenut C D;

Illi t-tieni eccezzjoni wkoll giet sorvolata permezz tar-risposta guramentata[5] ta' C D u dan peress li permezz taghha, l-istess konvenut iddikjara li meta twieled il-minuri K B, huwa kellu tmintax il-sena, kien residenti fil-lokalita' tal-Pieta', filwaqt li missieru jismu J D li kien haj fiz-zmien meta twieled il-minuri, u li ghandu karta ta' l-identita' numru 265793(M) u twieled fil-lokalita' tal-Pieta', Malta. Ghalhekk it-tielet eccezzjoni giet sorvolata wkoll.

Illi ghar-rigward it-tielet eccezzjoni, il-partijiet ghazlu li l-minuri jassumi l-kunjom D B.

---

[1] Ara ceritifikat tat-twelid tal-minuri a fol 3 tal-process
[2] Ara fol 21 sa fol 22 tal-process
[3] Ara fol 33 tal-process
[4] Ara xhieda a fol 31 u datata 3 ta' Novembru 2015
[5] Ara fol 19 tal-process

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet kollha attrici u konsegwentement:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minorenni K B huwa l-wild naturali u bijologiku tal-konvenut C D;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-Twelid tal-minuri K B bin-numru t'iskrizzjoni 1197/2011 fil-kolonna fejn hemm indikat missier it-tarbija, inehhi il-kliem "*unknown father*" u minflok jinserixxi id-dettalji kollha ta' C D, bil-karta ta' l-identita' numru 265793(M), iben J D li kien haj fiz-zmien meta twieled il-minuri, imwleied il-Pieta', Malta u li fiz-zmien tat-twelid tat-tarbija kellu tmintax-il sena u kien residenti l-Pieta', Malta. Tordna li l-minuri K B ghandu jiehu l-kunjom "D B" minflok "B".

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa, ad eccezzjoni ta' l-ispejjez tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn l-attrici A B u l-konvenut C D.